# 'L HAWN U 'L HINN

## SARDOU (1831-1908)

*Ta'* A. C.

VICTORIEN Sardou bla dubju ta' xejn kien wieħed mill-aqwa, biex ma ngħidx l-akbar wieħed, fost id-drammaturgi tat-teatru Franċiż tas-Seklu li għadda. Tista' tgħid għal ħamsin sena sal-mewt tiegħu, fit-8 ta' Jannar, 1908, huwa baqa' jsaltan fuq ħaddieħor bil-kitba tiegħu ta' drammi u kummiedji

Għall-ewwel li beda jikteb għat-teatru fl-1854, ma kellux xorti tajba. L-ewwel dramm tiegħu *La reine Ulfra*, miktub meta kien għad kellu għoxrin sena, kienet ċaħdithulu l-magħrufa attriċi Rachel, rivali ta' Sarah Bernhardt. Hekk ukoll it-tieni xogħol drammatiku tiegħu malli deher fuq il-palk waqa' minnufih, fil-waqt li tlieta oħra li kiteb wara—*Bernard Pelissy*, *Fleur de Liene* u *Paris á l'Envers*, ma kellhomx ix-xorti li jidhru fuq il-palk, għax ebda impressarju ma ndaħal għalihom Id-dramm "*Candide*" li kien is-sitt wieħed warbithulu ċ-ċensura, u jekk wieħed joqgħod jaħseb kemm kienet ta' komma wiesgħa ċ-ċensura Franċiża f'belt ta' ċerti opinjonijiet liberi u laxki bħalma hi Pariġi, nistgħu ngħidu illi l-argument, u forsi ukoll l-espożizzjoni tad-dramm, kienu wisq ħorox għal għajnejn u widnejn il-publikbu. Fl-aħħar, wara żmien, iltaqa' ma' Mlle Dejazet, il-kbira attriċi ta' żmienu, li għaliha kiteb xi xogħlijiet drammatiċi, li kellhom suċċess u li bihom sar hekk popolari li minn dak iż-żmien kiseb l-isem ta' "Prinċep tat-Teatru Franċiż".

L-ewwel rebħa li kiseb fuq l-opinjoni tal-pubbliku teatrali, kienet bil-kummiedja tiegħu *Les Primière armes de Figaro*, u minn dak iż-żmien baqa' jikteb u jirrappreżenta fuq il-palk Franċiż bosta drammi u kummiedji bl-akbar suċċess, fosthom *Rabagas*, *Nos Intimes*, *Seraphine*, *Divorcons*, *Fedora*, *Le Bourgeois de Pont-Arcy*.

Wara żmien tħajjar jikteb drammi fuq suġġetti storiċi; fost dawn ix-xogħlijiet drammatiċi tiegħu nsemmu *Theodora*, *Patrie*, *Tosca*, (li tagħha kien sar librett b'mużika ta' Puccini) *Madame Sans-Gène*, *Robespierre* u *Dante*; dan ta' l-aħħar kien kitbu b'mod speċjali għall-imsemmi attur Ingliż Sir Henry Irving.



Sardou ġie maħtur Membru ta' l-Akkademja Franċiża fl-1877.

Octave Mirbeau stqarr illi t-*Theodora* hija "kapulavur tat-teatru tal-lum" u xebbah l-awtur tagħha xejn inqas ma' Shakespeare. Meta fil-25 ta' April tal-1924 inkixef il-monument ta' Sardou fi Place de la Madeleine, f'Pariġi, il-President tar-Repubblika, Raymond Poincarè, fid-diskors li għamel fuq il-kbir drammaturgu li l-Franċiżi kienu għammduh bl-isem ta' *l-imperatur tat-teatru* semma l-frażi li Victor Hugo kien kiteb lil Sardou dwar id-dramm tiegħu *Patrie* fejn kien qallu illi "b'dik l-opra drammatika inti ksibt il jedd li tgħid lill-pubbliku li jisimgħuha: *Plaudite, cives*, ċapċpuli, ja ċittadini!

Il-lum ma nstgħux forsi ngħidu illi teatru ta' Sardou jista' jibqa' jsaltan fuq iż-żminijiet tal-lum, quddiem ix-xogħlijiet realistiċi tat-teatru modern, u għalhekk wieħed jista' jagħmel dik il-mistoqsija li Manzoni kien għamel fuq Napuljun. Nistgħu ngħidu fiż-żgur, iżda, illi Sardou kien "l-imgħallem tat-teatru romantiku tas-Seklu Dsatax", iżda kien jippreferixxi jur l-effett milli jfisser il-psikoloġija tal-karatteri, it-tbixkil romantiku u "l-colpi di scena" milli l-qawwa drammatika tas-sitwazzjonijiet.

# HGEJJEG

*Ta,* Wallace Ph. Gulia

Jiġru ma' kullimkien
biex jagħmlu kbira
l-ħuġġieġa
b'tifkira tal-Battista;
u jtuha n-nar fl-għaxija
u meta taqbad
iduru magħha ferħanin kburija...
'mma meta jikbru m'hemmx għalfejn jitħabtu
għax bla ma jridu tixgħel sħiħ ġo qalbhom
ħuġġieġa li ma tmutx tul jiem u ljieli.
U għalkemm il-ħruq ikidd il-ħsieb u s-saħħa
bħat-tfal iż-żgħar jinġibdu mill-ġmiel tagħha.